

Brussell, 23 ta' Awwissu 2022
(OR. en)

11439/22
ADD 1

RECH 447
COASI 113

NOTA

Suġġett: ANNESS għad-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati ma' New Zealand għal Ftehim dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' New Zealand fil-programmi tal-Unjoni u dwar l-assoċjazzjoni ta' New Zealand ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027)

**DIRETTIVI GĦAN-NEGOZJAR TA' FTEHIM BEJN l-Unjoni Ewropea u New Zealand
dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteciċipazzjoni ta' New Zealand fil-programmi tal-Unjoni u
dwar l-assoċjazzjoni ta' New Zealand ma' Orizzont Ewropa**

1. Il-ftehim għandu jipprevedi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteciċipazzjoni ta' New Zealand fi kwalunkwe programm tal-Unjoni. Dan għandu:
 - (a) jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz li jipparteciċipa fil-programmi tal-Unjoni;
 - (b) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteciċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, inkluż il-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-programmi individwali, u l-kostijiet amministrattivi tagħhom. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju¹;
 - (c) ma jagħti lill-pajjiż terz ebda setgħa ta' teħid ta'deċiżjoni fir-rigward tal-programmi tal-Unjoni;
 - (d) jiggarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u tiproteġi l-interessi finanzjarji tagħha.

2. Il-ftehim għandu jipprevedi li assoċjazzjonijiet futuri possibbli ta' New Zealand ma' programmi oħra tal-Unjoni għandhom jieħdu l-forma ta' protokollu individwali għall-ftehim. Dawn il-protokollu għandhom jiġu adottati minn korp stabbilit skont il-ftehim. Il-prinċipji ġenerali rilevanti għall-parteciċipazzjoni fi kwalunkwe programm tal-Unjoni għandhom jiġu stabbiliti b'dan il-ftehim.

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p.1).

3. Il-protokoll dwar il-parteċipazzjoni f'Orizzont Ewropagħandu jipprevedi t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-parteċipazzjoni ta' New Zealand fil-Pilastru II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea" ta' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021–2027), f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764³ u kwalunkwe regoli oħra li jappartjenu għall-implimentazzjoni tal-Programm.
4. Il-Ftehim għandu jiddetermina l-livell ta' kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli minn New Zealand għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.
5. Il-Ftehim għandu jipprevedi status ta' osservatur ta' New Zealand għall-Kumitat tal-Programm Orizzont Ewropa skont il-portata tal-assoċjazzjoni ta' New Zealand mal-Programm (għaldaqstant, għal dawk il-konfigurazzjonijiet tal-Kumitat tal-Programm li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-Pilastru II biss).
6. Il-protokoll dwar il-parteċipazzjoni f'Orizzont Ewropa għandu jipprevedi klawżola ta' reċiproċità li tiżgura l-parteċipazzjoni reċiproka tal-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni fil-programm(i) ta' New Zealand ekwivalenti għall-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa, sakemm possibbli.
- 6a. Il-protokoll dwar il-parteċipazzjoni f'Orizzont Ewropa għandu jfakkar fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' Orizzont Ewropa relatati mal-protezzjoni tal-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tal-Unjoni.
- 6b. Il-Ftehim għandu jippromwovi valuri u prinċipji fundamentali komuni, inkluż fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni.

² Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU UE L 170, 12.5.2021, p. 1).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 tal-10 ta' Mejju 2021 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplementa l-Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/743/UE (ĠU UE L 167 I, 12.5.2021, p.1).

7. Il-ftehim għandu jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw il-ġestjoni finanzjarja tajba fir-rigward tal-finanzjament tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-ftehim għandu jipprevedi l-protezzjoni adegwata tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni tal-irregolaritajiet, inkluż il-frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod skorrett, u, meta xieraq, l-impożizzjoni ta' penali amministrattivi u l-irkupru tal-flus. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jista' jinvestiga u jressaq għal prosekuzzjoni reati kriminali kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
 8. Il-Kummissjoni għandha, matul in-negozjati, tivvaluta l-possibbiltà li tinkludi klawżola dwar l-applikazzjoni proviżorja b'effett retroattiv.
 9. Il-ftehim għandu jkun konformi mal-politiki u l-oġettivi relatati tal-UE.
-